**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' April, 2016

Rikors Nru : 20/16 AL

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija u tnejn u tmenin (1982) u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A";

Illi l-partijiet ilhom separati sa mit-18 ta' Marzu tas-sena elf disa` mija u sebgha u tmenin (1987) permezz ta' sentenza li nghatat mill-Qorti Civili Prim'Awla annessa bhala "Dokument B";

Illi ghalhekk il-partijiet ilhom aktar minn erba' (4) snin separati;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin, u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni mahlufa hawn annessa u mmarkata bhala “Dokument C”;

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta’ manteniment dovuti;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Jannar tas-sena elf disgha mija u tnejn u tmenin (1982);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Frar, 2016;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ sentenza moghtija fit-18 ta’ Marzu 1987 u ghalhekk ilhom ghal aktar minn erba’ snin de facto separati minn ma xulxin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.